## Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Ottubru 2021 – Target Brands vs EUIPO – The a.r.t. company b&s (ART CLASS)

**(Kawża T-637/21)**

(2021/C 471/89)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Target Brands, Inc. (Minneapolis, Minnesota, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Kunze, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* The a.r.t. company b&s, SA (Quel, Spanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ART CLASS – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 888 695

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta’ Ġunju 2021 fil-Każ R 1597/2019-5

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedimenti, inklużi dawk sostnuti quddiem il-Bord tal-Appell kif ukoll quddiem id-Diviżjoni ta’ Oppożizzjoni

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Ottubru 2021 – bet-at-home.com Entertainment vs EUIPO (bet-at-home)

**(Kawża T-640/21)**

(2021/C 471/90)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* bet-at-home.com Entertainment GmbH (Linz, l-Awstrija) (rappreżentant: R. Paulitsch, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bet-at-home bil-kuluri blu skur u aħdar – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 157 957

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta’ Awwissu 2021 fil-Każ R 2143/2020-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— temenda d-deċiżjoni kkontestata b'mod li tiġi ammessa r-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali bet-at-home anki fil-klassi 41 (divertiment);

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti matul il-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021 – dennree vs EUIPO (BioMarkt)

## (Kawża T-641/21)

(2021/C 471/91)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* dennree GmbH (Töpen, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Röttgen, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni "BioMarkt" bil-kuluri aħdar u kannella – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 309 662

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Awwissu 2021 fil-Każ R 783/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla ċ-ċaħda parzjali tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark u tirreġistra t-trade mark konformement mal-applikazzjoni.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---